# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## *MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO*

**B.A. M.A.(Fin. Serv.) LL.D. Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Silvio Felice ID 450955(M)**

**Vs**

**Michael Odihse Austin**

**Illum 14 ta' Marzu 2022**

**Kawza Numru: 3**
**Rikors Numru: 74/20 NB**

**Il-Bord,**

## I. <u>PRELIMINARI</u>

Ra r-rikors guramentat ta' **Silvio Felice** datata 27 ta' Mejju 2020 fejn gie premess:

1. Illi huwa kera l-fond fl-indirizz 80, Oceanus Court, Triq it-Tamar, San Pawil il-Bahar, Malta in forza ta' skrittura tas-26 ta' Mejju 2019.

2. Illi l-konvenut dejjem bi problemi biex ihallas il-kera u l-kont tas-servizzi. Illi ricentament l-konvenut halla bilanc ta' kont tas-servizzi fl-ammont ta' €326.81 mhux imhallas, flimkien ma arrettrati ta' xahrejn kera fl-ammont ta' €500 fix-xahar. Dan ghal total globali ta' €1326.81.

3. Illi minkejja li interpellat sabiex ihallas dan il-kont, huwa baqa inadempjenti.

4. Illi l-attur irid illi jithallas il-bilanc dovut lilu ghal hlas tas-servizzi u ghal hlas tal-kera.

5. Illi l-attur jidhirlu illi l-konvenut ma ghandu l-ebda difiza x'jaghti ghal din il-kawza u ghalhekk konsegwentament jemmen illi dan il-bord jista jiddeciedi din il-kirja bid-dispensa tas-smigh fit-termini ta' l-artikolu 16 A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi dan ir-rikors qed isir u qed jigi kkonfermat bil-gurament minn l-attur Silvio Felice li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti in kawza.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dan l-Onorabbli Bord ma ghandux.

1. Jaqta u jiddeciedi din il-kawza bid-dispenza tas-smigh fit-termini ta' l-artikolu 16 A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Jikkundanna lilek konvenut sabiex thallas l-attur is-somma ta' €1362.81 rapprezentanti kwantu ghal €326.81 hlas ghas-servizzi u kwantu ghal €1000 hlas ta' arrestrati ta' kera.

Bl-ispejjes kollha nkluza VAT u nkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-6 ta' Mejju 2020. U bl-ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni.

Ra li l-intimat ghalkemm notifikat skond il-liġi bir-rikors kif korrett, kif jirrizulta mir-riferta a tergo ta' fol 48 tal-proċess, ma pprezenta ebda risposta u lanqas qatt ma deher ghas-seduti quddiem il-Bord.

Ra l-verbali tas-seduti.

Ra u qies id-dokumenti u l-provi kollha prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob hlas ta' s-somma ta' €1362.81 rapprezentanti kwantu ghal €326.81 hlas ghas-servizzi u kwantu ghal €1000 hlas ta' arrestrati ta' kera u dan in konnessjoni mal-fond 80, Oceanus Court, Triq it-Tamar, San Pawil il-Bahar, Malta mikri lill-intimat in forza ta' skrittura tas-26 ta' Mejju 2019.

Illi l-attur ressaq affidavit a fol 4 tal-process fejn ikkonferma illi huwa kera l-fond 80, Oceanus Court, Triq it-Tamar, San Pawil il-Bahar, Malta lill-intimat in forza ta' skrittura tas-26 ta' Mejju 2019 Dok A a fol 5 tal-process. Mill-istess skrittura ta' kera jirrizulta illi l-kirja kienet pattwita ghal perijodu bejn is-26 ta' Mejju 2019 u kienet tintemm fis-26 ta' Awwissu 2020. L-attur ikompli jghid fl-affidavit illi l-intimat ghandu jhallsu s-somma ta' €1362.81 rapprezentanti kwantu ghal €326.81 hlas ghall-kont tas-servizzi tad-dawl u ilma skond Dok C a fol 7 u kwantu ghal €1000 hlas ta' arretrati ta' kera ghax-xhur ta' April u Mejju 2020.

L-intimat ghalkemm notifikat ma pprezenta ebda risposta u la deher quddiem il-Bord u lanqas ma ressaq provi. Minkejja dan jinkombi xorta fuq l-attur li jipprova l-pretensjoni minnu vantanta sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu.

Mill-provi prodotti konsistenti fir-rikors ġuramentat u fl-affidavit tar-rikorrenti Silvio Felice anness mal-istess rikors bħala Dok. "A" u d-dokumenti esebiti Dok B u C konsistenti fl-iskrittura ta' kera u l-kont tad-dawl u ilma mahrug mill-ARMS, jirriżulta li l-intimat huwa moruż fil-ħlas ta' kera ghax-xhur ta' April u Mejju 2020 ammontanti ghal €1000 u ghal hlas tal-kont tas-servizzi tad-dawl u ilma skond Dok C a fol 7 fl-ammont ta' €326.81 u b'hekk debitur tal-attur fis-somma globali ta' €1326.81 kif mitlub fir-rikors promutur.

L-intimat ma ressaq ebda prova biex jikkontesta l-ammont mitlub jew il-provi mressqa mill-attur.

Il-Bord għalhekk iqis li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa debitament ippruvat u huwa dovut mill-intimat lir-rikorrenti.

## III. <u>KONKLUŻJONI.</u>

Illi għal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeċiedi, billi jilqa' t-tieni talba attriċi u jikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf tlitt mija u sitta u ghoxrin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1326.81) oltre l-imgħax mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

Moqrija.

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Mario Spiteri**
**Deputat Reġistratur**